**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 49 – 1 ta' Awissu 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 49. Il-laqgha bdiet fis-6.30 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti l-Perit Godwin Agius li huwa l-Perit tal-Kunsill. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. TENDER VJAL IL-HELSIEN

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti introduca l-laqgha billi qal li f' dik il-laqgha il-Kunsilliera kienu mitluba jiehdu decizjoni fuq wahda mill-aktar affarijiet li jrid il-poplu Zebbugi u li fuqha hemm ansejta, jigifieri l-progett ta' Vjal il-Helsien. Is-Sindku kompla jghid li sfortunatament kultant il-pubbliku ma japprezzax il-process kollu nvolut fi progett ta' dan il-kobor.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif miftiehem fl-ahhar laqgha tal-Kunsill issa li gie mitmum il-process ta' evalwazzjoni tat-tenders, kien

qieghed ilaqqa' l-Kunsill sabiex jigi aggudikat dan it-tender. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jispjega l-process tal-evalwazzjoni u jaqra r-rapport tal-Kumitat tal-Aggudikazzjoni u Evalwazzjoni tat-Tenders.

1.3. Is-Segretraju spjega li l-ewwel pass fl-evalwazzjoni tat-tender kien li l-Perit jaghmel evalwazzjoni teknika taz-zewg tenders. Wara li din l-evalwazzjoni tlestiet il-Kumitat tal-Aggudikazzjoni u Evalwazzjoni tat-Tenders iltaqa' mal-Perit fejn dan spjega ir-rapport lill-Kumitat. Fl-ahhar saret laqgha ohra fejn il-Kumitat hejja r-rakkomandazzjonijiet tieghu. F' dan il-mument is-Segretarju qara r-rapport imhejji (kopja mehmuza).

1.4. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat sabiex il-Perit tal-Kunsill jispjega r-rapport tekniku u l-Kunsilliera jaghmlu l-mistoqsijiet taghhom. Il-laqgha waqfet fis-6.40pm.

1.5. Il-laqgha tkompliet fit-8.10pm.

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-Kunsilliera kollha kellhom ic-cans jaghmlu l-mistoqsijiet taghhom u kienu sodisfatti bit-twegibiet tal-Perit, huwa kien qieghed iressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni u l-Aggudikazzjoni tat-Tenders u fuq ir-rapport tekniku tal-Perit, u jassenja t-tender ta' Vjal il-Helsien lill-kumpanija Ritemix (Gatt Bros) Ltd. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Kunsill approva l-mozzjoni b' mod unanimu (125).

Is-Sindku Alfred Grixti aggorna l-laqgha ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Awissu 2011, fis-7pm. Il-laqgha spiccat fit-8.25pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Ezekuttiv